**MINUTI**

**KAMRA TAD-DEPUTATI**

**L-ERBATAX-IL PARLAMENT**

**KUMITAT PERMANENTI DWAR IL-PETIZZJONIJIET**

**LAQGĦA NRU 9**

**It-Tlieta, 4 ta' Frar 2025**

Il-Kumitat Permanenti dwar il-Petizzjonijiet iltaqa' fil-Parlament, il-Belt Valletta, fl-4:35p.m.

L-Onor. Chris Agius, ippresieda.

**PREŻENTI**

L-Onor. Charles Azzopardi, l-Onor. Abigail Camilleri, l-Onor. Ivan Castillo u l-Onor. Katya de Giovanni.

**MINUTI**

Kien hemm xi emendi għall-Minuti tal-Laqgħa Nru 8 li saret fid-29 ta' Ottubru 2024.

Emenda għal punt fuq petizzjoni nru 10: l-Onor. Castillo talab li fil-minuti jitneħħew il-kliem "il-petizzjoni tiġi kkunsidrata bħala eżawrita" peress li l-Ministeru għad irid jwieġeb għala l-art tneħħiet minn Open Area u ngħatat għall-iżvilupp.

Emenda għal punt fuq petizzjoni nru 15: l-Onor. Azzopardi talab li fil-minuti jkun hemm aċċenn li skont ir-risposta li ngħatat, il-Gvern qed jindika li mhux se jkun hemm Skola Primarja oħra fl-Imtarfa.

Il-Minuti kif emendati ġew approvati.

Il-President tal-Kumitat, l-Onor. Chris Agius, ippreżenta għall-informazzjoni tal-Kumitat:

Dok. 23 Lista' Petizzjonijiet imwieġba u pendenti li kienu fuq l-Aġenda

Bil-qbil tal-Kumitat, il-kumitat beda bil-petizzjoni nru 52.

Petizzjoni Nru 52 – Isem Triq Tignè: Bil-permess tal-kumitat tkellmet s-sinjura Grace Borg. Is-Sinjura Borg qalet li l-Kunsill Lokali bidel parti minn Triq Tignè għal Triq Robert Arrigo. L-Onor. Camilleri saqsiet jekk kienx hemm renumbering tal-bibien u s-Sinjura Borg ikkonfermat li nbidlu 3 darbiet. L-Onor. DeGiovanni talbet biex il-kunsill lokali jerġa' jibdel isem it-triq u l-Onor. Robert Arrigo jsirlu monument flokk isem ta' parti minn triq. L-Onor. Castillo saqsa jekk tresqitx mozzjoni biex tinbidel u l-Onor. Azzopardi saqsa jekk il-mozzjoni kellix sekondant. Il-Kumitat qabel li għandha tintalab kjarifika mill-Kunsill Lokali fuq din it-triq, u jsaqsi wkoll jekk id-deċiżjoni kinitx unanima mill-kunsilliera kollha.

Il-Kumitat għadda għall-petizzjoni nru 37:

Petizzjoni Nru 37: Stop Noise Pollution: Inqraw it-tweġibiet li waslu mill-Ministeru għall-Ambjent, l-Enerġija u l-Indafa Pubblika, l-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol u l-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu. L-Onor. Castillo insista li l-Puliizja ma għandhomx ir-riżorsi biex ikunu jistgħu jkejlu jew jikkwantifika l-istorbju. L-Onor. Camilleri rrimarkat li ċ-ċertifikati joħorġu għal stabbilimenti li huma soundproof u li allura jekk l-istorbju jkun jinstema ma hemmx bżonn li jkollhom l-għodda biex jkejlu l-istorbju. L-Onor. DeGiovanni staqsiet biex il-kumitat jingħata l-proċedura ta' xi jsir meta jsiru joint visits bejn l-MTA u l-Pulizija biex jinvestigaw dawn il-postijiet. Il-Kumitat stieden lis-Sinjura Anna Maria Baldacchino biex tgħaddi l-kummenti tagħha. Saħqet li avolja tmur għand pulizija, tagħmel rapport u titla' l-Qorti, jilħqu jgħaddu is-snin. Qalet li hemm mezz ta' kif pulizija tista' tressaq u twaqqaf dawn l-istabbilimenti u mhemmx għala jsiru rapporti min-naħa tar-residenti. L-Onor. Castillo saqsa jekk hux possibbli li din il-petizzjoni tkun tista' titressaq quddiem il-Plenarja biex tkun tista' tiġi diskussa aktar fid-dettal.

Tkellmet ukoll is-Sinjura Ivana Priyavko u preżentat dokument lill-Kumitat

> Dok. 24 – Ittra bid-dettalji ta' min jista' jkollu amplified music u sa x'ħinijiet jistgħu jagħmlu storbju, kif ukoll lista approvata mill-MTA ta' liema għandhom permess ta' amplified music f'Malta

Il-Kumitat qabel li dan id-dokument għandu jgħaddi lill-Ministeru għall-Affarijiet Barranin u t-Turiżmu. Qabel ukoll li l-kumitat jistaqsi lill-Ministeru x'azzjonijiet ttieħdu fuq The Strand Sliema wara l-petizzjoni. Il-kumitat se jitlob ukoll li l-Ministeru jgħid mil-lum 'il quddiem x'azzjonijiet se jibdew jittieħdu fuq sitwazzjonijiet simili.

Il-Kumitat kompla bl-aġenda mqiegħda quddiemu.

**Petizzjoni Nru 12 - Protecting Interests, Rights And Privileges Of Minority Groups; Wara li l-Kumitat għadu qed jistenna rimarka fuq din il-petizzjoni, il-kumitat ġibed l-attenzjoni li din il-petizzjoni ilha sentejn li ntbagħtet lill-Ministeru għall-Ġustizzja u l-President tal-Kumitat indika li petizzjonijiet li ilhom ħafna snin pendenti, kien se jitkellem mal-Ispeaker biex jara x'jista' jsir biex dan ma jibqax iseħħ. L-Onor. Azzopardi rrimarka li kien tkellem fuq il-burokrazija żejda li hemm f'ċerti dipartimenti u l-Onor. Camilleri qalet li mhux fair fuq min jagħmel.

Petizzjoni Nru 13 - Revision of the legality of heated tobacco products; Il-kumitat rċieva l-annexxes imsemmija u l-President tal-Kumitat qal li peress li fihom ħafna informazzjoni, il-membri jkunu jistgħu jaqrawhom u fil-laqgħa li jmiss jiddiskutu din l-informazzjoni.

Petizzjoni Nru 18: Garaxxijiet fi driveways komuni privati ma għandhomx jiġu ostakolati, il-pulizija għandha tinforza: il-President irrimarka li din għandha tkun petizzjoni oħra li għandha titpoġġa għall-attenzjoni tal-Ispeaker bħala petizzjoni li ilha aktar minn sena li saret u mhux imwieġba.

Petizzjoni Nru 25: Infurzaw permessi regolatorji lil Bitmac LTD minħabba emissjonijiet tossiċi: Inqrat it-tweġiba u bil-qbil bejn il-Membri u fuq talba tal-Onor. Castillo, il-kumitat qal li din it-tweġiba, flimkien mal-Avviż Legali msemmi kif ukoll xi spjegazzjonijiet li hemm fuq dan l-avviż legali, għandhom jgħaddu għand il-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 27: Urgent Call – Safety Concerns at SGPC Paola Primary School: Inqrat it-tweġiba u l-kumitat qabel li din għandha tintbagħat lil min għamel il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 33: Health and Safety Insurance for farmers near Fireworks Factories: Inqraw it-tweġibiet li rċieva l-Kumitat u kien hemm qbil li dawn jintbagħtu lil min għamel il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 35: Withdrawl of MCAST legal action against a student filming Physical Violence: Inqrat it-tweġiba li ntbagħtet mill-Ministeru u kien hemm qbil li t-tweġiba tintbagħat lill-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 36: Public Health Clinic f'Ħal Balzan: Il-Kumitat qabel li din il-petizzjoni tidħol fil-lista li se tingħata lill-Ispeaker biex jiġu għall-attenzjoni tiegħu.

Petizzjoni Nru 38: Riforma Kostituzzjonali: Petizzjoni għal Demokrazzija Rappreżentattiva: Il-Kumitat talab li tinbagħat reminder lill-Ministeru għall-Ġustizzja u s-Settur tal-Kostruzzjoni biex ikun jista' jagħti r-rimarki tiegħu.

Petizzjoni Nru 39: Nilimitaw l-użu tal-bombi: Inqrat it-tweġiba li ngħatat mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat. L-Onor. Azzopardi u l-Onor. Camilleri rrimarkaw li r-risposta li ngħatat kienet ġenerika u ripetutata bħal risposta oħra għall-petizzjoni preċedenti u li l-aħjar li l-kumitat jistenna r-rimarki tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol biex jgħaddi r-rimarki tiegħu qabel ma' dawn jintbagħtu lill-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 40: Consider Chamber of Architect's plans for Msida Creek: Il-kumitat qabel li għandha tintbagħat reminder oħra u li titniżżel fil-lista ta' petizzjonijiet li għandhom jiġu quddiem l-Ispeaker.

Petizzjoni Nru 41: Riforma fil-Pensjoni tal-Irtirar: Inqrat it-tweġiba. L-Onor. Castillo kkjarifika li t-talba kienet biex persuni li twieldu qabel l-1962, flokk ikollhom għażla li jew jieħdu l-pensjoni jew li jkomplu jaħdmu wara l-40 sena bolla, talbu biex tinbidel il-liġi biex ikunu jistgħu jieħdu kemm il-pensjoni kif ukoll jibqgħu jaħdmu. Il-kumitat wara l-kumment msemmi, iddeċieda li din it-tweġiba tgħaddi lill-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 42: Nitrasformaw lil Malta f'Nazzjon Sostenibbli u Ekoloġiku: Inqrat it-tweġiba u kien hemm qbil li din tgħaddi lil min għamel il-petizzjoni.

Petizzjoni Nru 43: Stop the Development near Old Chapel Manikata permission PA 4280/24: Inqrat it-tweġiba u kien hemm qbil li din it-tweġiba tgħaddi għand il-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 44: Restrict Daytime fireworks for the well-being of pets, babies and public peace: Inqrat it-tweġiba li ngħatat mill-Ministeru għall-Inklużjoni u l-Volontarjat. L-Onor. Azzopardi rrimarka li r-risposta li ngħatat kienet ġenerika u ripetutata bħal risposta oħra għall-petizzjoni preċedenti u li l-aħjar li l-kumitat jistenna r-rimarki tal-Ministeru għall-Intern, is-Sigurtà u x-Xogħol biex jgħaddi r-rimarki tiegħu qabel ma' dawn jintbagħtu lill-petizzjonant.

Petizzjoni Nru 46: Kunsiderazzjoni tal-azzjonijiet tal-kumpaniji tat-telekomunikazzjoni: Inqraw it-tweġibiet. L-Onor. Castillo rrimarka li min għamel il-petizzjoni jidher li għandu raġun u propona li dawn it-tweġibiet jgħaddu għand il-Ministeru biex dawn jinfurmaw lill-kumpaniji b'dawn ir-rimarki. Il-kumitat qabel ukoll li jintbagħtu lill-petizzjonant.

Il-Kumitat iddeċieda li l-kumplament tal-aġenda għandhom jiġu preżentanti f'data oħra peress li kien sar il-ħin biex il-kumitat jaġġorna.

Fis-5:46p.m. il-Kumitat ġie aġġornat għal data li kellha tiġi kkomunikata aktar tard.

**JARED SULTANA**
**SEGRETARJU TAL-KUMITAT**

**KONFERMATI**

**ONOR. CHRIS AGIUS, MP**
**PRESIDENT TAL-KUMITAT**